

Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9919/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0090 (BUD)

BUDGET 23

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026: Dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2025: pożizzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2026

I. INTRODUZZJONI

Fl-10 ta' April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2025¹.

L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2025 turi *surplus* ta' EUR 2 095.24 miljun li jirriżulta minn:

(a) eżitu pożittiv *fil-parti tad-dħul tal-baġit* (+EUR 1 994.49 miljun), li minnhom:

- Titolu 1 (Riżorsi proprji): +EUR 1 096.85 miljun
- Titolu 2 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti): +EUR 17.48 miljun
- Titolu 3 (Dħul Amministrattiv): +EUR 0.28 miljun

¹ Dokument 8132/26.

- Titolu 4 (Dħul Finanzjarju, imġax ta' inadempjenza u multi): +EUR 840.37 miljun
- Titolu 6 (Dħul, kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet relatati ma' politiki tal-Unjoni): +EUR 39.51 miljun

(b) sottoimplimentazzjoni fil-parti tan-nefqa tal-baġit (-EUR 100.75 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2025 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 111.37 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati minn snin preċedenti (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 137.03 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq in-nefqa: +EUR 147.64 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2026.

II. KONKLUŻJONI

Fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2026 kif jidher fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.
